Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-14 ta' Marzu 2024**

**Distrett Valletta**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**Versus**

**Roderick Brincat**
**(21187M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Roderick Brincat**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 21187M.

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'rizoluzzjoni wahda :

1. Akkuzat talli nhar id-9 ta' Mejju 2023, gewwa Vjal Nelson, il-Furjana, volontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mohamed Noushad Karadan hekk skont kif gie ccertifikat minn Dr Robert Patiniott (med. reg. no. 1860) mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Mohamed Noushad Karadan ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghex hajja ta' ghazz u ta' vagabundagg;

5. Kif ukoll akkuzat talli nhar il-15 ta' Lulju, 2023 f'dawn il-gzejjer, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Vincent Arnaud u b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna;

6. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamel lil Vincent Arnaud ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

7. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;

8. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

9. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

10. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi f'xi post pubbliku immolesta lin-nies sabiex jittallab il-karita';

11. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghex hajja ta' ghazz u ta' vagabundagg;

12. Kif ukoll akkuzat talli nhar is-7 ta' Awwissu 2023, kif ukoll fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Vincent Arnaud u b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna;

13. Aktar talli fl-istess data, hin, lik u cirkustanzi ghamel lil Vincent Arnaud ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

14. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok publiku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;

15. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-kodici, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

16. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

17. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi f'xi post pubbliku immolesta lin-nies sabiex jittallab il-karita';

18. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghex hajja ta' ghazz u ta' vagabundagg.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmi Vincent Arnaud u Mohamed Noushad Karadan u tapplika l-provedimenti tal-Artiklu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mituba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xiehda.

Rat illi waqt l-udjenza tat-22 ta' Jannar 2024 l-imputat skuza ruhu mas-Sur Arnaud ta' l-akkadut.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tad-19 ta' Frar 2024, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet numru tmienja (8) u numru hdax (11) hekk kif migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet numri tmienja (8) u hdax (11) miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta′ l-istess Kapitolu, u cioe′ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi numri tmienja (8) u hdax (11) migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b′mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta′ dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga′ lura minnha.

Illi l-imputat rega′ tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet numri tmienja (8) u hdax (11) migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m′ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta′ l-akkuzi tmienja (8) u hdax (11) migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, il-Qorti hija konvinta illi akkuzi bin-numru, wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), sitta (6), sebgha (7), tnax (12), tlettax (13), erbatax (14), hmistax (15), sittax (16), sbatax (17) u tmintax (18) ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

Illi rigward l-akkuzi bin-numru hamsa (5), disgha ′(9) u ghaxra (10), il-Qorti hija konvinta illi dawn l-akkuzi gew ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, qed **tillibera lil imputat mill-akkuzi bin-numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), sitta(6), sebgha(7), tnax (12), tlettax (13), erbatax (14), hmistax (15), sittax (16), sbatax (17) u tmintax (18)** u wara li rat Artikoli 7, 18, 31, 251A(1)(a)(b) u 338(bb)(dd)(x)(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, qed issib lil **imputat hati ta′ l-akkuzi bin-numru hamsa (5), tmienja (8), disgha (9), ghaxra (10) u hdax (11)** u qed **tikkundannah ghal tnax-il xahar (12) prigunerija**

**li ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett (3) snin mill-lum.**

Inoltre ai termini tal-**Artikolu 383** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed torbot lil hati Roderick Brincat b'garanzija ta' elfejn Ewro (€2,000) ghal sena (1) mill-lum, u dan sabiex ma jdejjaqx, ma jimmolestax u ma jingurjax lil Vincent Arnaud.

Illi fil-kaz odjern ma gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-hati f'dan ir-rigward.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**